II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1879

tas-26 ta' Ottubru 2021

li tirrifjuta tliet applikazzjonijiet għall-protezzjoni ta' isem bħala indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Jambon sec de l'Île de Beauté" (IĠP), "Lonzo de l'Île de Beauté" (IĠP), "Coppa de l'Île de Beauté" (IĠP))

(notifikata bid-dokument C(2021) 7535)

(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(1) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-ismijiet "Jambon sec de l'Île de Beauté", "Lonzo de l'Île de Beauté" u "Coppa de l'Île de Beauté" bħala Indikazzjonijiet ġĠografiċi pPotetti (IĠP) mibgħuta mill-awtoritajiet Franċiżi fis-17 ta' Awwissu 2018 (il-fajls PGI-FR-02426, PGI-FR-02428 u PGI-FR-02430).

(2) Skont l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, sabiex jiġi rreġistrat, isem irid ikun intuża fil-kummerċ jew fil-lingwaġġ komuni.

(3) Skont l-Artikolu 13(1)(b) tar-Regolament imsemmi qabel, l-ismijiet irreġistrati huma protetti kontra kwalunkwe użu skorrett, imitazzjoni jew evokazzjoni, anke jekk tkun indikata l-oriġini vera tal-prodotti jew tas-servizzi. Il-paragrafu 3, L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu msemmi qabel jispeċifika li l-Istati Membri jridu jieħdu l-miżuri amministrattivi jew ġudizzjarji xierqa biex jipprevjenu jew iwaqqfu l-użu illegali ta' Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti jew ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti li huma prodotti jew kummerċjalizzati fit-territorju tagħhom.

(4) Minn dan isegwi li isem li jmur kontra l-protezzjoni mogħtija mir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 ma jistax jintuża fil-kummerċ u għalhekk ma jkunx jista' jiġi rreġistrat skont dak ir-regolament.

(5) Il-każ preżenti jikkonċerna applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' ismijiet li potenzjalment jevokaw denominazzjonijiet diġà rreġistrati, għal prodott simili, li jfisser li l-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà għar-reġistrazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 ma jistgħux jiġu ssodisfati.

(6) B'mod partikolari, fit-28 ta' Mejju 2014, l-ismijiet "Jambon sec de Corse"/"Jambon sec de Corse — Prisuttu", "Lonzo de Corse"/"Lonzo de Corse — Lonzu", "Coppa de Corse"/"Coppa de Corse — Coppa di Corsica" ġew irreġistrati bħala Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti (DOP) bir-Regolamenti (UE) Nri 581/2014, 580/2014 u 582/2014 rispettivament.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

(7) Minn dakinhar, skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, dawn l-ismijiet jikkwalifikaw għal protezzjoni fir-rigward ta', *inter alia*, kwalunkwe użu dirett jew indirett ta' dawn l-ismijiet fir-rigward ta' prodotti li ma jikkonformawx mal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott rilevanti, kif ukoll minn kwalunkwe użu skorrett, imitazzjoni jew evokazzjoni ta' dak l-isem.

(8) Madankollu, skont dawn ir-regolamenti, perjodu tranżitorju li jiskadi fis-27 ta' April 2017 ingħata lil ċerti impriżi Franċiżi stabbiliti f'Korsika, bl-użu ta' tali ismijiet, iżda fir-rigward ta' prodotti b'karatteristiċi differenti minn dawk stabbiliti fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott; l-għan ta' tali perjodu tranżitorju kien li jippermetti lill-produtturi kkonċernati jadattaw għar-rekwiżiti tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott kif approvati fil-livell tal-UE jew, fin-nuqqas ta' dan, li jimmodifikaw id-deskrizzjoni kummerċjali użata.

(9) L-ismijiet "Jambon sec de l'Île de Beauté", "Lonzo de l'Île de Beauté" u "Coppa de l'Île de Beauté", li ilhom jintużaw fil-kummerċ mill-2015, jirreferu għall-istess żona ġeografika bħad-DOP msemmija hawn fuq, jiġifieri l-gżira ta' Korsika. Barra minn hekk, huwa magħruf sew li l-isem "Île de Beauté" huwa perifrażi tradizzjonali, li f'għajnejn il-konsumatur Franċiż tindika b'mod ċar lil Korsika. L-użu tat-terminu "Île de Beauté" biex jindika lil Korsika huwa prattika mifruxa fuq is-siti web turistiċi, inklużi dawk mhux Franċiżi, u hemm bibljografija vasta li tikkonferma li ż-żewġ termini huma magħrufa bħala sinonimi f'moħħ il-konsumaturi, b'tali mod li "Île de Beauté" tidher li "tevoka" Korsika u viċi versa.

(10) Għalhekk, mit-18 ta' Ġunju 2014 'l hawn, l-użu tal-ismijiet "Jambon sec de l'Île de Beauté", "Lonzo de l'Île de Beauté" u "Coppa de l'Île de Beauté" jikkostitwixxi ksur tal-protezzjoni mogħtija lid-DOP "Jambon sec de Corse"/"Jambon sec de Corse — Prisuttu", "Lonzo de Corse"/"Lonzo de Corse — Lonzu", "Coppa de Corse"/"Coppa de Corse — Coppa di Corsica" mill-Artikolu 13(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

(11) L-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni bħala IĠP tal-ismijiet "Jambon sec de l'Île de Beauté", "Lonzo de l'Île de Beauté" u "Coppa de l'Île de Beauté" intbagħtu lill-Kummissjoni fis-17 ta' Awwissu 2018, jiġifieri f'data meta dak l-isem ma setax jintuża legalment.

(12) Il-Kummissjoni bagħtet żewġ ittri lill-awtoritajiet Franċiżi fejn talbithom kjarifika. L-ittri kienu jikkonċernaw prinċipalment il-kwistjoni tal-ineliġibbiltà għar-reġistrazzjoni bħala IĠP tal-ismijiet ikkonċernati.

(13) L-awtoritajiet Franċiżi wieġbu li jqisu li ż-żewġ gruppi ta' prodotti (jiġifieri d-DOP irreġistrati u l-kandidati għall-IĠP) bħala differenti b'mod ċar fir-rigward tal-materja prima (razez, piż tal-karkassi), deskrizzjonijiet, speċifikazzjonijiet, volumi tal-produzzjoni u prezzijiet tal-bejgħ.

(14) Fil-fehma tagħhom, l-ismijiet huma distinti biżżejjed. Il-pronunzji relatati huma kompletament differenti. M'hemmx omonimi. Japplikaw għal logos differenti (DOP u IĠP). Jeżistu każijiet simili ta' ismijiet simili li jirreferu għall-istess żona ġeografika: l-ismijiet tal-inbejjed irreġistrati "Île de Beauté" (DOP) u "Corse" (IĠP), sinonimi u li jkopru l-istess żona ġeografika, u l-ismijiet agrikoli rreġistrati "Aceto balsamico tradizionale di Modena" (DOP) u "Aceto Balsamico di Modena" (IĠP), huma kważi omonimi għalkollox.

(15) Fid-dawl tad-differenzi bejn il-prodotti u l-ismijiet, u fid-dawl ta' dawk preċedenti msemmija hawn fuq, il-konsumaturi se jkunu, skont l-awtoritajiet Franċiżi, perfettament konxji tad-differenza fil-kwalità bejn il-prodott li l-isem tiegħu huwa rreġistrat bħala DOP u l-prodott imqiegħed fis-suq bl-isem "Île de Beauté", hekk kif huma kapaċi jiddistingwu bejn inbid tad-DOP "Corse" jew "Vin de Corse" u nbid tal-IĠP "Île de Beauté", kif ukoll bejn ħall tad-DOP "Aceto balsamico tradizionale di Modena" u ħall tal-IĠP "Aceto Balsamico di Modena".

(16) Għalhekk hemm "distinzjoni suffiċjenti" bejn it-tliet ismijiet li fihom il-kliem "Île de Beauté" u t-tliet ismijiet korrispondenti rreġistrati u li fihom il-kelma "Corse", li tkopri l-istess żona ġeografika.

(17) Minn dan, il-Kummissjoni tiddeduċi li l-awtoritajiet Franċiżi jqisu li l-użu tal-ismijiet "Jambon sec de l'Île de Beauté", "Lonzo de l'Île de Beauté" u "Coppa de l'Île de Beauté" li seħħ fil-kummerċ u fil-lingwaġġ komuni wara r-reġistrazzjoni tad-DOP "Jambon sec de Corse"/"Jambon sec de Corse — Prisuttu", "Lonzo de Corse"/"Lonzo de Corse — Lonzu", "Coppa de Corse"/"Coppa de Corse — Coppa di Corsica" mhuwiex evokazzjoni ta' dawn id-DOP irreġistrati.

(18) Il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Franċiżi ma ressqu l-ebda studju jew stħarriġ, u ma pprovdew l-ebda evidenza speċifika oħra biex isostnu l-fehma li l-ismijiet "Jambon sec de l'Île de Beauté", "Lonzo de l'Île de Beauté" u "Coppa de l'Île de Beauté" użati wara t-18 ta' Ġunju 2014 fil-kummerċ jew fil-lingwaġġ komuni ma jevokawx id-DOP "Jambon sec de Corse"/"Jambon sec de Corse — Prisuttu", "Lonzo de Corse"/"Lonzo de Corse — Lonzu", "Coppa de Corse"/"Coppa de Corse — Coppa di Corsica". Għaldaqstant, il-konklużjonijiet ikkwotati fuq il-perċezzjoni tal-konsumaturi ma jidhrux li huma ġġustifikati.

(19) B'mod partikolari, fir-rigward tad-differenzi fil-kwalità bejn il-prodotti li l-ismijiet tagħhom huma mitluba għar-reġistrazzjoni u dawk li diġà jibbenefikaw minn protezzjoni, għandu jiġi nnotat li, minn naħa, dawn id-differenzi — li bl-ebda mod ma huma enfasizzati f'termini tat-tikkettar — huma, *a priori*, magħrufa biss minn pubbliku partikolarment informat u, min-naħa l-oħra, f'termini tal-kwalità oġġettiva biss, id-differenzi kollha jindikaw kwalità inferjuri, u rabta ħafna iżjed dgħajfa mat-territorju lokali, fir-rigward tal-prodott li issa qed issir applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tiegħu.

(20) Fir-rigward tal-kapaċitajiet ta' evokazzjoni tal-ismijiet "Jambon sec de l'Île de Beauté", "Lonzo de l'Île de Beauté" u "Coppa de l'Île de Beauté", għandu jiġi nnotat li, minn naħa, il-pronunzja hija tabilħaqq differenti, u min-naħa l-oħra, li s-sinonimu huwa evidenti, kif indikat qabel. Għalhekk, l-evokazzjoni ma tista' bl-ebda mod tiġi eskluża, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza Glen vs Scotch Whisky ([2]) li tenfasizza l-fatt li ma huwiex meħtieġ xebh fonetiku sabiex tiġi kkaratterizzata evokazzjoni. F'dan il-każ, hija stabbilita l-prossimità kunċettwali bejn Korsika u Île de Beauté.

(21) L-indikazzjoni tan-nuqqas ta' identità tat-tip ta' indikazzjoni ġeografika (waħda DOP, l-oħrajn IĠP) bħala evidenza tad-differenza bejn il-prodotti u l-ismijiet ("de Corse" minn naħa u "de l'Île de Beauté" min-naħa l-oħra) hija qarrieqa. Meta tiġi vvalutata l-eżistenza ta' evokazzjoni, il-fatturi li għandhom jitqiesu huma l-ismijiet irreġistrati u l-ismijiet użati fis-suq, iżda qabel ir-reġistrazzjoni (possibbli) bħala IĠP. Il-konsumaturi ma jistgħux jiddistingwu bejn iż-żewġ ismijiet minħabba li huma relatati ma' żewġ tipi differenti ta' indikazzjonijiet ġeografiċi (DOP u IĠP), peress li l-ismijiet "Jambon sec de l'Île de Beauté", "Lonzo de l'Île de Beauté" u "Coppa de l'Île de Beauté" mhumiex IĠP għalissa u għalhekk ma jikkonċernawx sinjal ta' kwalità differenti.

(22) Il-koeżistenza tad-DOP "vin" "Corse/Vin de Corse" u tal-IĠP "Île de Beauté" ma tistax tiġu trasposta għal dan il-każ: din is-sitwazzjoni tirrifletti proċedura preċedenti, fundamentalment differenti u li issa skadiet, li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet tiġi nnotifikata bl-ismijiet nazzjonali approvati mill-Istati Membri, mingħajr ma setgħet toġġezzjona għalihom u mingħajr dritt ta' skrutinju, li fi kwalunkwe każ kien ikun limitat ħafna jew anke illużorju, fin-nuqqas ta' kwalunkwe speċifikazzjoni kkomunikata.

(23) Il-koeżistenza tad-DOP "Aceto balsamico tradizionale di Modena" u tal-IĠP "Aceto Balsamico di Modena", tkun tidher *prima facie* li tivvalida l-possibbiltà ta' koeżistenza bejn żewġ indikazzjonijiet ġeografiċi (DOP u IĠP) għal prodotti tal-istess kategorija, li għandhom l-istess termini komuni (ħall balsamiku) u l-istess terminu ġeografiku (Modena). Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li dawn huma żewġ reġistrazzjonijiet li ntalbu mill-Italja fl-istess żmien fl-1994, sabiex tiġi rikonoxxuta l-leġittimità parallela u huma konkorrenti ta' żewġ indikazzjonijiet ġeografiċi speċifiċi, u mhux, bħal f'dan il-każ, tentattiv biex jiġi rrestawrat b'mod retroattiv l-użu ta' isem mibdi b'mod mhux xieraq minn operaturi mċaħħda mill-possibbiltà li jużaw id-DOP, fi tmiem il-perjodu ta' konċessjoni mogħti lilhom mil-leġiżlatur Franċiż u mbagħad minn dak Ewropew.

(24) Fid-dawl ta' dak li ntqal qabel, sa fejn l-ismijiet "Jambon sec de l'Île de Beauté", "Lonzo de l'Île de Beauté" u "Coppa de l'Île de Beauté", proposti għar-reġistrazzjoni, ġew użati fil-kummerċ jew fil-lingwaġġ komuni bi ksur tal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni bħala IĠP relatati ma' dawk l-ismijiet ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għar-reġistrazzjoni, jiġifieri l-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

(25) L-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-ismijiet "Jambon sec de l'Île de Beauté", "Lonzo de l'Île de Beauté" u "Coppa de l'Île de Beauté" għandhom jiġu rrifjutati.

([2]) Sentenza tal-Qorti tas-7.6.2018 fil-Kawża C-44/17.

(26) Il-miżuri previsti f'din id-deċiżjoni jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Politika tal-Kwalità tal-Prodotti Agrikoli.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-ismijiet "Jambon sec de l'Île de Beauté", "Lonzo de l'Île de Beauté" u "Coppa de l'Île de Beauté" huma rrifjutati.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kummissjoni
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni